MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 943/2013

**HSBC BANK MALTA p.l.c.** (C-3177)

vs

**ETM GENERAL IMPORTS COMPANY LIMITED** (C-31572) debitur principali, u Etienne Cassar u martu Marina Cassar, garanti solidali.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-3 ta' Ottubru, 2013 li bih is-soċjeta attriċi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti (a) issib li l-kumpannija mħarrka, bħala debitriċi ewlenija, u lill-imħarrkin miżżewġin Cassar, bħala garanti solidali, huma lkoll debituri lejn il-Bank fis-somma ta' tmienja u erbgħin elf disa' mija u tnejn u erbgħin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€48,942.52) rappreżentanti l-bilanċ għad-debitu ta' Rescheduled Overdraft Account Nru. 050-071695-340 u mgħax legali fuq l-istess sas-27 ta' Awwissu, 2013; (b) tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsuha l-imsemmija somma ta' €48,942.52; u (c) tikkundanna lill-imħarrkin solidalment bejniethom iħallsuha l-imgħax ulterjuri bit-8% fis-sena b'seħħ mit-28 ta' Awwissu 2013 sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-nota mressqa mill-konvenuti fil-11 ta' Frar, 2014 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' it-talbiet tas-soċjeta attriċi kif dedotti fir-Rikors Maħluf, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-28 ta' Awissu, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------